# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 8**

**Rikors numru 22/2022/1 GG**

**L-Avukat Dr. James Scicluna bħala mandatarju speċjali ta' Moulaye Ely Bouamatou, Mohamed Bouamatou, Salka Bouamatou u Seyida Bouamatou**

**v.**

**Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi li b'digriet tat-3 ta' Ottubru 2022 sar jaqra Ministru għall-Intern, Is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-Ministru konvenut minn sentenza parzjali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Novembru, 2022, fejn ġew miċħuda, kemm l-eċċezzjoni tal-illeġitimità

passiva tal-Ministru konvenut biex joqgħod f'din il-kawża, kif ukoll l-eċċezzjoni li din l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv ma saritx fi żmien sitt xhur skont l-**Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-12 ta' Jannar, 2022, l-avukat James Scicluna fisser li fid-29 ta' April, 2020, il-mandanti tiegħu, Moulaye Ely Bouamatou, Mohamed Bouamatou, Salka Bouamatou u Seyida Bouamatou, kienu tefgħu applikazzjoni kull wieħed biex jiksbu ċ-ċittadinanza Maltija taħt il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta. Kull waħda minn dawn l-erba' applikazzjonijiet ġiet miċħuda b'deċiżjonijiet mogħtija fit-12 ta' Lulju, 2021 (ara paġni 10 sa 13 tal-atti tal-kawża). Dawn l-erba' deċiżjonijiet, li ntbagħtu mill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Komunità Malta, Jonathan Cardona, kienu jaqraw hekk:

> *"We have been instructed by the Minister responsible for Citizenship to inform you that after careful consideration your application on behalf of the captioned applicant in terms of the Individual Investor Programme of the Republic of Malta, has been refused."*

3. Billi l-mandanti tal-avukat Scicluna dehrilhom li huma kienu jissodisfaw il-kriterji kollha msemmija fil-liġi biex jiksbu din iċ-ċittadinanza, huma ressqu ilment mar-Regolatur imwaqqaf taħt l-**Att dwar iċ-Ċittadinanza**. L-avukat James Scicluna jgħid iżda li dan ir-Regolatur

baqa' ma tahomx tweġiba u għalhekk peress li t-terminu ta' sitt xhur imsemmi fl-**Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivil** kien wasal biex jagħlaq, huwa fetaħ din il-kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju f'isem il-mandanti tiegħu.

4. Fir-rikors tiegħu, l-avukat James Scicluna saħaq li dawn l-erba' deċiżjonijiet ta' rifjut kienu mhux biss arbitrarji u diskriminatorji bi ksur tal-**Kostituzzjoni ta' Malta**, iżda kienu wkoll *ultra vires* għall-għanijiet tal-**Artikolu 469A(1)(b)(ii)** u **(iii) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Minħabba f'hekk, f'isem il-mandanti tiegħu huwa talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *"1. Tiddikjara illi l-għemil amministrattiv tal-Ministru intimat, kif naxxenti mid-deċiżjoni tat-12 ta' Lulju, 2021 fil-konfront ta' Moulaye Ely Bouamatou jmur kontra l-Artikolu 469A(1)(a) u (1)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk huwa null, invalidu u bla effett;*
>
> *2. Tiddikjara illi l-għemil amministrattiv tal-Ministru intimat, kif naxxenti mid-deċiżjoni tat-12 ta' Lulju, 2021 fil-konfront ta' Mohamed Bouamatou jmur kontra l-Artikolu 469A(1)(a) u (1)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk huwa null, invalidu u bla effett;*
>
> *3. Tiddikjara illi l-għemil amministrattiv tal-Ministru intimat, kif naxxenti mid-deċiżjoni tat-12 ta' Lulju, 2021 fil-konfront ta' Seyida Bouamatou jmur kontra l-Artikolu 469A(1)(a) u (1)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk huwa null, invalidu u bla effett;*
>
> *4. Tiddikjara illi l-għemil amministrattiv tal-Ministru intimat, kif naxxenti mid-deċiżjoni tat-12 ta' Lulju, 2021 fil-konfront ta' Salka Bouamatou jmur kontra l-Artikolu 469A(1)(a) u (1)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk huwa null, invalidu u bla effett;*
>
> *5. Tordna l-Ministru intimat jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu fil-konfront tar-rikorrenti Moulaye Ely Bouamatou ai termini tal-liġi u tal-prinċipji legali;*
>
> *6. Tordna l-Ministru jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu fil-konfront tar-*

*rikorrenti Mohamed Bouamatou ai termini tal-liġi u tal-prinċipji legali;*

*7. Tordna l-Ministru jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu fil-konfront tar-rikorrenti Seyida Bouamatou ai termini tal-liġi u tal-prinċipji legali;*

*8. Tordna l-Ministru jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu fil-konfront tar-rikorrenti Salka Bouamatou ai termini tal-liġi u tal-prinċipji legali;*

*9. Tiddikjara, konsegwentement, li a bażi ta' tali għemil amministrattiv li huwa null u bla effett, ir-rikorrenti Moulaye Ely Bouamatou sofra danni ai termini tal-Artikolu 469A(5) tal-istess Kodiċi;*

*10. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti Moulaye Ely Bouamatou;*

*11. Tordna lill-Ministru intimat iħallas lir-rikorrenti Moulaye Ely Bouamatou s-somma hekk likwidata;*

*12. Tiddikjara, konsegwentement, li a bażi ta' tali għemil amministrattiv li huwa null u bla effett, ir-rikorrenti sofrew danni morali;*

*13. Tillikwida d-danni morali sofferti mir-rikorrenti;*

*14. Tordna lill-Ministru intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;*

*Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Onorabbli Qorti tħoss neċessarja u opportuna fiċ-ċirkostanzi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-Ministru intimat li huwa minn issa inġunt in subizzjoni."*

5. Il-Ministru konvenut wieġeb għal dan ir-rikors maħluf fit-23 ta' Frar, 2022, u ressaq għadd ta' eċċezzjonijiet. Fosthom kien hemm l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni li kienu jaqraw hekk:

*"1. Illi preliminarjament, l-esponent mhuwiex il-leġittimu kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili stante li l-għoti ta' ċittadinanza hija funzjoni li tispetta lill-Ministru responsabbli għaċ-ċittadinanza liema portfolio ngħata uffiċjalment lis-Segretarju Parlamentari għaċ-Ċittadinanza u l-Komunitajiet tramite avviż bin-notifikazzjoni numru 206, ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern bin-numru 20,532, datata 25 ta' Frar, 2020 (kopja ta' dan l-avviż qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok 'MHSE 1');*

*2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju, l-esponent jeċċepixxi illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija waħda perenta, ai termini tas-*

*subinċiż (3) tal-469(A) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta."*

6. Fis-seduta tal-1 ta' Marzu, 2022 intlaħaq qbil bejn il-partijiet, li qabel xejn kellhom jiġu deċiżi dawn l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari.

7. B'sentenza parzjali mogħtija fit-3 ta' Novembru, 2022, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex iddeċidiet b'dan il-mod kienu dawn:

*"L-Ewwel (1) Eċċezzjoni (Il-konvenut mhux il-leġittimu kontradittur)*

*Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu (a fol. 55 et seq.) il-konvenut jispjega li l-azzjoni kellha tiġi indirizzata kontra s-Segretarju Parlamentari Responsabbli għaċ-Ċittadinanza u l-Komunitajiet.*

*Illi l-argument li jressaq il-konvenut f'dan ir-rigward hija msejsa fuq Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jistabbilixxi s-segwenti:*

*"Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni [...]."*

*Illi skont il-Ministru konvenut in vista tal-fatt li hekk kif enunċjat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-25 ta' Frar 2020 (Dok. "MHSE 1" – a fol 38) din ir-responsabbilità ġiet delegata lis-Segretarju Parlamentari hekk kif imsemmi aktar 'il fuq, kien dan ta' l-aħħar li kien messu ġie mħarrek minflok il-Ministru konvenut.*

*Illi wara li l-Qorti fliet bir-reqqa l-atti proċesswali tinnota li mhix konvinta mill-argumenti mressqa mill-konvenut stante li Regolament 7(5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 188.03 tal-Liġijiet ta' Malta jgħajjat speċifikament lill-Ministru li fil-Leġislazzjoni Sussidjarja msemmija jingħad li l-kelma "Ministru" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta) li fl-imsemmi Att ġie mfisser hekk:*

*"il-Ministru għal dak iż-żmien responsabbli għall-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu maċ-ċittadinanza Maltija, u, safejn tingħata awtorità, tinkludi kull persuna awtorizzata minn dak il-Ministru biex taġixxi f'ismu."*

*Illi meta s-Segretarju Parlamentari jkun qed jaġixxi skont id-delega mogħtija lilu huwa ma jkunx qed jeħles lill-Ministru mir-responsabbilità li tpoġġi fuqu l-liġi. Fl-aħħar mill-aħħar l-aġir tas-Segretarju*

*Parlamentari f'dawn iċ-ċirkostanzi tkun dik ta' mandatarju li qed jaġixxi f'isem il-mandant li f'dan il-każ huwa l-Ministru. Għalhekk sakemm il-mandatarju jaġixxi fil-limiti tal-poteri tiegħu, il-mandant obbligat jirratifika dak li kkontratta l-mandatarju daqs li kieku għamlu huwa. In vista ta' dan mhux ta' fejda l-argument imressaq mill-konvenut li r-responsabilità kienet tas-Segretarju Parlamentari għaċ-Ċittadinanza u l-Komunitajiet għax fl-aħħar mill-aħħar ir-responsabilità u l-kontroll tal-Ministeru hija tal-Ministru hekk kif jistabbilixxi Artikolu 92 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Illi sabiex isaħħaħ l-argument tiegħu, il-Ministru konvenut jikkwota Artikolu 5 tal-Kapitolu 324 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:*

*"Segretarju Parlamentari jista' jħarrek jew jiġi mħarrek dwar kull funzjoni delegata lilu taħt dan l-Att, u jista' jkompli kull proċediment legali li jkun inbeda għar-rigward ta' dawk il-funzjonijiet qabel id-data li fiha tkun saret id-delega." [enfażi miżjuda]*

*Illi minn analiżi tad-diċitura ta' dan l-artikolu jirriżulta li l-leġislatur ma għamilhiex tassattiva li jiġi mħarrek biss is-Segretarju Parlamentari. Dan jirriżulta mill-użu tal-kliem "jista' jħarrek jew jiġi mħarrek". Il-leġislatur kien juża kliem differenti kieku ried li jkun tassattiv li l-kawżi jiġu affaċjati mis-Segretarju Parlamentari.*

*Illi minbarra dan anke l-fatti jmeru din l-eċċezzjoni. Fil-każ odjern ir-rwol tal-Ministru jirriżulta b'mod ċar mill-ittri (Dok. "A" sa "D" – a fol. 10 et seq.) li fihom l-atturi ġew infurmati li huma ma kinux ser jiksbu ċ-ċittadinanza Maltija fejn hemm speċifikament is-segwenti frażi:*

*"We have been instructed by the Minister responsible for Citizenship to inform you that after careful consideration….".*

*Illi stante li l-ittri fejn id-deċiżjoni li t-talba għaċ-ċittadinanza min-naħa tal-atturi ġiet miċħuda jirreferu għad-deċiżjoni tal-Ministru, din il-Qorti hija tal-fehma li tali deċiżjoni ttieħdet minnu. Li kieku ma kienx dan il-każ l-ittra kien ikollha riferenza għas-Segretarju Parlamentari li kien qed jaġixxi permezz tad-delega mogħtija lilu u mhux għall-Ministru!*

*Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, għandu jsegwi li l-ewwel (1) eċċezzjoni sollevata mill-Ministru konvenut għandha tiġi miċħuda.*

*<u>It-Tieni (2) Eċċezzjoni</u>*
*<u>(L-azzjoni tal-atturi hija waħda perenta)</u>:*

*Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni l-Ministru konvenut qed jargumenta li peress li l-azzjoni ġiet ippreżentata wara s-sitt xhur preskritti mil-liġi din hija perenta. F'dan ir-rigward il-konvenut jagħmel riferenza għal Artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*...*

*Illi minn analiżi anke superfiċjali ta' dan is-subartikolu jirriżulta b'mod ċar li t-terminu ta' sitt xhur japplika fil-każ ta' stħarriġ taħt is-subartikolu (1)(b) tal-Artikolu 469A u a contrario sensu ma japplikax għal stħarriġ mitlub taħt is-subartikolu (1)(a).*

*...*

*Illi l-Qorti tinnota li t-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf huma msejsa kemm fuq Artikolu 469A(1)(a) u kif ukoll fuq Artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk in vista ta' dak li ġie spjegat aktar 'il fuq sa fejn din l-eċċezzjoni tolqot l-ilment imressaq mill-atturi taħt Artikolu 469A(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din ser tiġi miċħuda.*

*Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tistħarreġ it-tieni (2) eċċezzjoni fil-kuntest ta' Artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-konvenut jargumenta li t-terminu ta' sitt xhur għadda u f'dan ir-rigward jagħmel riferenza għal dak li jgħid il-proviso ta' Artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jingħad is-segwenti:*

*"Iżda, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorita' pubblika tenħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira."*

*Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu (a fol. 55 et seq.) il-Ministru konvenut jgħid li Regolament 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 188.03 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi terminu sa meta l-awtorità kellha tieħu d-deċiżjoni tagħha u li, skont hu, l-ilment tar-rikorrent seta' jiġi ppreżentat sa Awwissu 2020 u li b'hekk kieku wieħed kellu japplika din it-teżi allura t-terminu ta' sitt xhur imsemmi aktar 'il fuq ikun għadda bil-konsegwenza li l-azzjoni odjerna tkun perenta.*

*Illi l-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-Ministru konvenut minħabba li t-terminu stabbilit f'Regolament 7(5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 188.03 tal-Liġijiet ta' Malta ma huwiex terminu definittiv. Tant huwa hekk li Regolament 7(5)(ċ) tal-istess leġislazzjoni jipprovdi għall-possibilità li t-terminu jiġi "ittardjat". Fil-fatt ir-Regolament 7(5) tal-leġislazzjoni msemmija jistabbilixxi s-segwenti.*

*"Fi żmien tletin jum mid-data meta tintemm il-verifika msemmija hawn fuq, l-Aġenzija għandha tirrevedi ulterjorment l-applikazzjoni li tkun ġiet sottomessa lilha, għandha twettaq aktar indaġini kif jixraq dwar il-passat, jekk jidrilha li jkun meħtieġ, u għandha tavża bil-miktub lill-konċessjonarju u, fejn ikun applikabbli, lill-Aġent Approvat, skont l-istruzzjonijiet tal-Ministru, illi l-applikazzjoni tkun ġiet:*

*(a) approvata fil-prinċipju*

> *(b) rifjutata; jew*
> *(ċ) ittardjata minħabba li tkun għadha qed tiġi proċessata.” [enfażi miżjuda]*
>
> *Illi meta wieħed japplika dak hawn fuq appena kkwotat fil-kuntest tal-każ odjern jirriżultalu b'mod l-aktar ċar li t-terminu stabbilit fil-liġi ġie mġedded. Dan jirriżulta mill-ittra elettronika mibgħuta fis-6 ta' Awwissu 2020 (Dok. "E" – a fol. 14 et seq.) fejn l-Aġenzija qalet is-segwenti:*
>
> *"We take the opportunity to remind you that the application is now placed on hold and that the 120 day period will continue once a satisfactory response is received".*
>
> *Illi għalhekk l-argument imressaq mill-Ministru konvenut li l-azzjoni odjerna setgħet tkun ippreżentata biss sa Awwissu 2020 mhijiex mistħoqqa. Il-Qorti qed tgħid dan minħabba li b'eżerċizzju tal-jedd mogħti lilha b'Regolament 7(5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 188.03 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Aġenzija ġeddet it-terminu applikabbli sabiex tittieħed deċiżjoni li fl-aħħar mill-aħħar ittieħdet fit-12 ta' Lulju 2021. In vista ta' dan it-terminu ta' sitt xhur, il-kawża setgħet tiġi ppreżentata sat-12 ta' Jannar 2022 u b'hekk isegwi li l-azzjoni tal-atturi permezz tal-kawża odjerna ġiet ippreżentata fil-ħin bil-konsegwenza li t-tieni (2) eċċezzjoni tal-Ministru konvenut ser tiġi miċħuda wkoll."*

8. B'digriet mogħti fit-2 ta' Frar, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat permess lill-Ministru konvenut taħt l-**Artikolu 231 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex ikun jista' jappella minn din is-sentenza parzjali.

9. L-appell tal-Ministru konvenut ġie mressaq fl-20 ta' Frar, 2023 u fih huwa qajjem żewġ aggravji, *viz*: (i) li l-kawża ma kellhiex titressaq kontrih iżda kellha titressaq kontra s-Segretarju Parlamentari għaċ-Ċittadinanza u l-Komunitajiet; u (ii) li l-azzjoni ma saritx fi żmien sitt xhur kif titlob il-liġi.

10. L-avukat James Scicluna f'isem il-mandanti tiegħu wieġeb għal dan l-appell fl-24 ta' Marzu, 2023, u hemmhekk huwa ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn jemmen li l-appell tal-konvenut għandu jiġi miċħud.

11. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. L-ewwel aggravju tal-Ministru jolqot l-illeġittimità passiva tiegħu. Il-Ministru appellant jargumenta li fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tal-25 ta' Frar, 2020, huwa kien ħabbar bl-Avviż 206, li skont l-**Artikolu 3 tal-Att Dwar id-Delega ta' Funzjonijiet minn Ministri**, huwa kien iddelega lis-Segretarju Parlamentari għaċ-Ċittadinanza u l-Komunitajiet, fi ħdan il-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, dawk il-funzjonijiet tiegħu li joħorġu mill-**Att dwar iċ-Ċittadinanza**. Għalhekk il-Ministru appellant isostni li f'dan il-każ ma kellux jitħarrek hu, imma kellu jitħarrek is-Segretarju Parlamentari.

13. Il-kwistjoni ta' min hija l-persuna xierqa li għandha titħarrek f'kawża hija ta' siwi daqskemm hu meħtieġ li tkun xierqa l-persuna li tiftaħ il-kawża. Sakemm ma jkunx jidher li l-eċċezzjoni qiegħda titqajjem biss bħala manuvra proċedurali, id-determinazzjoni ta' min għandu jkun fil-kawża hija aspett fundamentali tal-azzjoni li tkun, u dan għaliex skont l-**Artikolu 787(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, kull att ġudizzjarju li jsir minn jew kontra persuna li ma tistax toqgħod f'kawża u li ma tkunx

awtorizzata regolarment għaldaqshekk, huwa att li ma jiswiex.

14. Mhux ta' b'xejn li eċċezzjoni dwar l-illeġittimità passiva tal-persuna hija meqjusa bħala waħda perentorja tal-ġudizzju u saħansitra tista' titqajjem anke fi stadju ta' appell, għaliex jekk din tintlaqa', il-ġudizzju jaqa' u jispiċċa (ara ***Grazzju Debono et v. L-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April, 2004 u ***Stephen Scicluna v. Perit Claude Busuttil*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Diċembru, 2019).

15. Illi biex wieħed jara jekk parti f'kawża hijiex jew le l-leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, hija trid tistħarreġ jekk, mad-daqqa t'għajn, il-persuna mħarrka kinitx materjalment parti fil-ġrajjiet li jkunu ħolqu r-rabta ġuridika ta' bejniethom, u li twassal biex inħolqu r-rabtiet jew effetti fuq il-parti mħarrka illi kellha twieġeb għalihom (ara ***Karmenu Mifsud v. Onorevoli Ministru Għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Jannar, 2020). Fi kliem ieħor, biex persuna titqies li hija l-kontradittur leġittimu, jeħtieġ li jiġi muri min-naħa ta' min qed jipproponi l-kawża, li l-azzjoni tiegħu ma tistax tissokta fl-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dik il-persuna li tinsab imħarrka (ara ***Francis Portelli et v. L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati Dr. Angelo Farrugia et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar, 2018).

16. F'każ fejn wieħed mill-partijiet kontendenti jinzerta jkun il-Gvern ta' Malta, allura biex wieħed jistabbilixxi r-rappreżentanza ġudizzjarja tiegħu, wieħed għandu ġeneralment jimxi ma' dak li jgħid l-**Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li ddaħħal fis-sistema ġuridika tagħna bis-saħħa tal-**Att XXIV tal-1995**. Kif ingħad fis-sentenza ***Anthony Pace v. Avukat Ġenerali et*** tat-2 ta' Novembru 2001, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali,

> *"Bl-introduzzjoni tal-artikolu 181B fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ħafna mill-inċertezza fir-rigward tar-rappreżentanza tal-Gvern f'azzjonijiet ġudizzjarji ġiet eliminata u allura l-ġurisprudenza f'dan ir-rigward kellha tinqara fid-dawl ta' din id-disposizzjoni."*

17. Hija regola fl-**Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, illi l-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat bil-materja in kwistjoni. Is-**sub-inċiż (2)** ta' dan l-istess artikolu mbagħad jipprovdi illi l-Avukat tal-Istat għandu jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji, li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jkunu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-Kapijiet tad-Dipartimenti l-oħra tal-Gvern.

18. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza, li Ministru jew il-Ministeru tiegħu mhumiex il-kap ta' dipartiment li ssemmi l-liġi, u għalhekk skont l-**Artikolu 181B**, Ministru ma jistax jidher għall-Gvern f'azzjoni quddiem Qorti (ara ***Paul Demicoli v. Ministru tal-Politika Soċjali et*** deċiża mill-Qorti tal-

Appell fit-2 ta' Lulju, 2019, ***Hompesch Station Limited v. Korporazzjoni Enemalta et*** mogħtija fil-21 ta' Ottubru, 2021, u ***Dr Gabriella Fumia v. Direttur Ġenerali Veterinary and Phytosanitary Regulation Department et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022).

19. Minbarra dan, bil-miġja tal-**Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap 595 tal-Liġijiet ta' Malta)**, illum għandna mniżżel ukoll fl-**Artikolu 17(8)**, li:

> *"Is-Segretarju Permanenti jkun ir-rappeżentant ġuridiku tal-Gvern f'atti u azzjonijiet ġudizzjarji dwar kull ħaġa li taqa' taħt il-firxa tal-attività tal-Ministeru li għalih ikun assenjat."*

20. Illi din ir-regola ġenerali mnissla mill-**Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li Ministru m'għandux jitħarrek f'kawżi kontra l-Gvern, ma tgħoddx iżda meta l-attur ikun qiegħed jitlob li tiġi mistħarrġa deċiżjoni amministrattiva li tkun ingħatat mill-Ministru stess.

21. Sewwasew fil-każ tagħna, id-deċiżjonijiet li qegħdin jiġu attakkati mill-avukat Scicluna *nomine* ngħataw taħt ir-**Regolamenti dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta (L.S. 188.03)** u skont ir-**Regolament 6** ta' dawn ir-**Regolamenti**, huwa l-Ministru li għandu x'jaqsam maċ-ċittadinanza Maltija, li għandu l-awtorità waħdanija li jiddeċiedi jekk għandhiex tingħata ċ-ċittadinanza taħt dan il-programm jew le.

22. Ifisser dan, li ladarba l-liġi speċjali tindika l-Ministru bħala l-persuna li għandu jieħu deċiżjonijiet bħal dawn dwar il-programm tal-investitur individwali, allura jagħmel sens li wieħed ma jħarisx aktar lejn ir-regola ġenerali dwar ir-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern taħt l-**Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, imsemmija mill-Ministru appellant fl-aggravju tiegħu. Tassew huwa aktar f'loku u aktar xieraq, li f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, għandu jwieġeb għall-kawża, min bil-liġi huwa mogħni bis-setgħa li jwettaq dak l-għemil amministrattiv.

23. Terġa' u tgħid, ingħad dan l-aħħar mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Avukat Cedric Mifsud nomine v. Aġenzija Identità Malta et*** deċiża fid-9 ta' Ġunju, 2022, u li bħal kawża tal-lum kellha x'taqsam ukoll ma' rifjut ta' applikazzjoni taħt il-programm tal-investitur individwali, li l-kontradittur leġittimu f'deċiżjoni ta' ċaħda tal-applikazzjoni m'huwa ħadd ħlief il-Ministru. Fiha ntqal li huwa rrelevanti jekk biex il-Ministru wasal għal dik il-konklużjoni, huwa qagħadx fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Aġenzija Identità Malta, peress li fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni li dwarha qed jintalab l-istħarriġ ġudizzjarju, ittieħdet mill-Ministru.

24. Iżda, il-Ministru appellant jgħid fl-appell tiegħu, li skont it-tifsira mogħtija lill-kelma '*Ministru*', fl-**Artikoli 2** tal-**Att dwar iċ-Ċittadinanza** u

fir-**Regolamenti dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta**, din tinkludi fiha kull persuna awtorizzata mill-Ministru biex jaġixxi f'ismu. F'dan ir-rigward, il-Ministru appellant iżid li b'avviż maħruġ fuq il-Gazzetta tal-Gvern fil-25 ta' Frar, 2020 huwa kien iddelega l-funzjonijiet tiegħu, li joħorġu mill-**Att dwar iċ-Ċittadinanza**, lis-Segretarju Parlamentari. Għalhekk il-Ministru appellant isostni li kellu jkun dan is-Segertarju li kellu jiġi mħarrek.

25. Din il-Qorti taċċetta li kemm bl-**Att dwar iċ-Ċittadinanza** u anke bl-**Att Dwar id-Delega ta' Funzjonijiet minn Ministri**, il-Ministru appellant seta' jiddelega l-funzjonijiet tiegħu lis-Segretarju Parlamentari. B'daqshekk, dan ma jfissirx però, li huwa ġie mħarrek ħażin f'din il-kawża. Anzi din il-Qorti ma tistax tlum lill-avukat Scicluna *nomine* talli ħarrek lill-Ministru f'din il-kawża, ġaladarba fid-deċiżjonijiet tat-12 ta' Lulju, 2021, ġie mniżżel li kien sewwasew il-Ministru responsabbli miċ-ċittadinanza li kien qiegħed jiċħad l-applikazzjonijiet tal-mandanti tiegħu.

26. Jaf kienet tkun storja differenti, li kieku f'dawn id-deċiżjonijiet tat-12 ta' Lulju, 2021 ġie mniżżel iswed fuq l-abjad li kien is-Segretarju Parlamentari, li b'setgħa delegata mill-Ministru, kien qiegħed jiċħad l-applikazzjonijiet tagħhom. Madankollu f'dan il-każ, fid-deċiżjonijiet tat-12 ta' Lulju, 2021, li ntbagħtu mill-Aġenzija Komunità Malta, jissemma bħala persuna, li kien il-Ministru u mhux is-Segretarju Parlamentari, li ħa d-

deċiżjoni tar-rifjut. Mexa tajjeb għalhekk l-avukat Scicluna *nomine,* meta fetaħ il-kawża kontra l-Ministru.

27. Tassew, il-Ministru ma jistax jippretendi li l-avukat Scicluna *nomine* kellu jiftaħ il-kawża kontra s-Segretarju Parlamentari, meta fid-deċiżjonijiet tat-12 ta' Lulju, 2021, ma jissemma xejn dwar is-sehem tiegħu fl-applikazzjonijiet inkwistjoni. Hekk ukoll, l-istess Ministru appellant lanqas jista' jippretendi li l-avukat Scicluna jew il-mandanti tiegħu kellhom ikunu jafu bl-eżistenza tal-avviż fil-gazzetta tal-Gvern dwar din id-delega jew li kellhom jassumu li d-deċiżjonijiet tar-rifjut ingħataw mis-Segretarju Parlamentari. Bil-maqlub, kien jaqa' fuq l-Aġenzija Komunità Malta, li bagħtet id-deċiżjonijiet lill-atturi, li tispeċifika b'mod ċar lill-mandanti tal-attur jekk id-deċiżjonijiet ngħatawx mill-Ministru nnifsu jew inkella ngħatawx mis-Segretarju Parlamentari b'setgħa delegata.

28. Fil-każ tagħna, id-deċiżjonijiet li qegħdin jiġu attakkati f'dawn il-proċeduri huma indikati li ngħataw mill-Ministru appellant u għalhekk huwa xieraq, li għandu jkun hu, li għandu jwieġeb għalihom f'din il-kawża.

29. L-ewwel aggravju tal-Ministru għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

30. It-tieni aggravju tal-Ministru appellant imiss mad-dekadenza tal-azzjoni mibdija mill-avukat Scicluna *nomine*. Il-Ministru appellant

jargumenta li l-appellati kienu tefgħu l-applikazzjonijiet tagħhom fid-29 ta' April, 2020 u skont ir-**regolamenti 7(4)** u **(5)** tar-**Regolamenti dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta**, dawn l-applikazzjonijiet kellhom jiġu pproċessati sa 120 jum, jiġifieri sa Awwissu 2020. Billi sa Awwissu 2020, dawn l-applikazzjonijiet kienu baqgħu ma ġewx deċiżi, il-Ministru appellant jgħid li dawn l-applikazzjonijiet kellhom jitqiesu bħala li ġew rifjutati u allura t-terminu ta' sitt xhur imsemmi fl-**Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** telaq minn wara Awwissu 2020.

31. Minn Awwissu 2020 sad-data li ġiet ippreżentata din il-kawża, fit-12 ta' Jannar, 2022, għaddew ħafna aktar minn sitt xhur u għalhekk il-Ministru appellant jgħid li l-azzjoni tal-atturi għandha titqies li saret tard.

32. Il-Qorti tqis li jinsab sew magħruf fil-ġurisprudenza, li t-terminu ta' sitt xhur imsemmi fl-**Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** huwa wieħed perentorju, li la jista' jiġi miksur u lanqas jiġi sospiż (ara *inter alia* s-sentenzi ***Roberto Zamboni nomine v. Id-Direttur tal-Kuntratti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2002 u ***Dottor Michele Martone pro et noe v. Raymond Gatt nomine et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020).

33. Ta' min iżomm hawnhekk ukoll f'moħħu li t-terminu tal-għaxart ijiem

imsemmi fl-**Artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma jistax u mhux maħsub li jintuża sabiex itawwal it-terminu ta' sitt xhur imsemmi fl-**Artikolu 469A(3)** (ara ***George Azzopardi v. Heritage Malta et***, Appell Superjuri tat-28 ta' Settembru, 2012).

34. Il-liġi iżda ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn għemil amministrattiv issir taf b'dak l-għemil li jkun. Il-liġi ma tgħidx li ż-żmien jibda għaddej minn meta l-parti interessata tirċievi tagħrif formali jew uffiċjali miktub dwar id-deċiżjoni (ara ***Joseph Spiteri et v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2018). Tgħid biss li ż-żmien ta' sitt xhur jibda jgħaddi minn dakinhar li l-parti ssir taf jew imissha ssir taf b'dak l-għemil, liema data tiġi l-ewwel (ara ***Ragonesi & Company Limited pro et noe v. Korporazzjoni Enemalta et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Novembru, 2017). Kemm hu hekk, fis-sentenza ***Joshue Agius v. Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2023, instab li huwa biżżejjed jekk jintwera li d-deċiżjoni tkun ġiet mgħarrfa lill-attur bil-fomm.

35. Madankollu huwa tabilħaqq raġunat, illi ma jistax ikun hemm *dies a quo* għall-għanijiet tad-dekadenza taħt l-**Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, jekk l-attur ma jkunx ingħata tagħrif biżżejjed biex ikun jista' jifhem li tkun ittieħdet deċiżjoni finali dwar

it-talba tiegħu (ara ***Dottoressa Antoinette Cutajar v. L-Onor. Joseph Muscat et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018).

36. B'żieda ma' dan, tajjeb illi jingħad ukoll li skont il-*proviso* tal-**Artikolu 469A(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, fejn il-liġi ma tispeċifikax terminu, matul liema, l-awtorità pubblika trid tieħu deċiżjoni, u dik l-awtorità pubblika tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar it-talba magħmula lilha fi żmien xahrejn min-notifika tat-talba, allura għandu jitqies li dik it-talba tkun ġiet miċħuda, b'dana għalhekk li t-terminu ta' sitt xhur jitlaq minn meta jkunu għaddew dawk ix-xahrejn (ara ***Colette Schembri v. Tabib Ewlieni tal-Gvern et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022 u ***Garden of Eden Garage Limited v. Awtorità Dwar It-Trasport Ta' Malta*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju, 2012).

37. Fil-każ tagħna iżda, ma japplikax dan il-*proviso* tal-**Artikolu 469A(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għaliex ir-**Regolamenti dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta** jipprovdu termini speċifiċi li fihom għandhom jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet.

38. F'din il-qagħda, huwa minnu li r-**regolamenti 7(4)** u **(5)** isemmu żmien ta' 120 jum, li matulhom għandhom jiġu pproċessati l-

applikazzjonijiet, madankollu huwa minnu wkoll li r-**regolament 7(5)(ċ)** jgħid li d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tista' tiġi, «*ittardjata minħabba li tkun għadha qed tiġi proċessata.*»

39. Sewwasew fil-każ tal-lum, jirriżulta li fis-6 ta' Awwissu, 2020, l-Aġenzija ta' Malta għall-Programm tal-Investitur Individwali kienet bagħtet ittra elettronika fejn talbet għal aktar tagħrif mingħand l-applikanti biex tkun tista' tagħlaq il-proċess tal-applikazzjoni. Fl-istess ittra l-Aġenżija kitbet hekk:

> *"We take the opportunity to remind you that the application is now placed on hold and that the 120 day period will continue once a satisfactory response is received.*
>
> *While we look forward to receive your reply, you are kindly reminded that as per LN 47 of 2014, the processing of the application and the subsequent issuance of a certificate of naturalisation (if applicable) should be concluded within two years from the date of PRV payment, by 07/05/2022. Should the date elapse, the application will be considered unsuccessful and thus closed accordingly."*

40. Minn din id-dikjarazzjoni magħmula mill-Aġenzija ta' Malta għall-Programm tal-Investitur Individwali joħroġ ċar li ż-żmien tal-ipproċessar tal-applikazzjoni kien qiegħed jiġi sospiż u mtawwal sa mhux aktar tard mis-7 ta' Mejju, 2022. Din il-Qorti għalhekk ma tistax taqbel mal-Ministru appellant, li l-arloġġ tad-dekadenza tas-sitt xhur, telaq minn Awwissu 2020.

41. Lanqas ma nġabu provi mill-Ministru appellant, li f'dan il-każ l-appellati kien bagħtu "*a satisfactory response*" u li għalhekk iż-żmien tal-

120 jum reġa' telaq. Anzi pjuttost jidher li l-appellati ma bagħtux tweġiba, li f'għajnejn l-appellant, kienet sodisfaċenti għaliex fit-12 ta' Lulju, 2021 inbagħtu d-deċiżjonijiet tal-Ministru li l-applikazzjonijiet tagħhom kienu qegħdin jiġu miċħuda.

42. Issa din il-kawża ppreżentata mill-avukat Scicluna *nomine* tressqet fit-12 ta' Jannar, 2022, jiġifieri, qabel ma laħqu għalqu s-sitt xhur minn meta ngħataw id-deċiżjonijiet tar-rifjut tal-applikazzjonijiet fit-12 ta' Lulju, 2021. Barra minn hekk, din il-kawża tressqet ukoll qabel l-iskadenza tas-7 ta' Mejju, 2022 imsemmija fl-ittra elettronika tas-6 ta' Awwissu 2020.

43. Jiġi b'hekk, li l-Ewwel Qorti ddeċidiet tajjeb meta qalet li l-azzjoni tal-lum ma tressqitx tard għall-għanijiet tal-**Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Bħala konsegwenza għalhekk, anke dan it-tienu aggravju tal-Ministru appellant qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-Ministru konvenut u b'hekk tikkonferma fis-sħiħ is-sentenza parzjali tal-Ewwel Qorti, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Fl-aħħar nett, il-Qorti **tordna** lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

sabiex minnufih jibgħat l-atti tal-kawża lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ħalli tkompli bil-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr